**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 19 ta' Ġunju 2025**

**Rikors Numru 141/2024**

**Marco Tonna dententur ta` karta tal-identita` numru 284763M)**

**Vs**

**Awtorita` Għat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ippreżentat minn **Marco Tonna** fid-29 ta' Novembru 2024 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

*Peress illi l-esponenti kien propjetarju ta' karozza numru ta' reġistrazzjoni JLY317 li hija liċenzjata bħala chauffer driven garage hire;*

*Peress illi l-esponenti biegħ u ttrasferixxa l-istess karozza lil terza persuna u ċioe' lill-Sirak Kassa Brhane,detentur ta' karta ta' identita' numru 0033966A ta' Flat 1,22 Yarkieth, Triq il-Ġdid, Raħal Ġdid liema trasferiment ġie debitament rrapportat lill-intimata Awtorita' tat-Trasport permezz ta' trasfer debitament rreġistrat mal-Awtorita' intimata fil-21 ta' Novembru 2023;*

*Peress illi b'ittra datata 30 ta' Ottubru 2024 l-esponenti ġie notifikat b'infringement notice li jġib in-numru ta' referenza Fine Referenece Number LE/133975/23 fejn qed jiġi allegat li fit-12 ta' Lulju 2023 l-esponenti kien inqabad jikser ir-regolament numru 17 tal-liġi Sussidjarja Numru 499.68 peress illi allegat li ġie osservat li l-imsemmija karozza la kienet ggaraxxjata u lanqas pparkjata barra mit-triq waqt li ma kienitx qed tintuża (ara ittra annessa u mmarkata Dokument A);*

*Peress illi għalhekk ġiet arbitrarjament imposta fuq l-esponenti mill-Awtorità intimata multa amministrattiva ta' ħames mitt euro (€500) pagabbli sa żmien tletin ġurnata minn notifika tal-imsemmija ittra;*

*Peress illi l-esponenti għamel debiti petizzjoni via email kif rikjesta mill-istess Awtorità intimata toġġezzjona għall-imsemmija multa amministrattiva liema petizzjoni ġiet debitament rifjutata b'ittra datata 15 ta' Novembru 2024 (ara ittra annessa u mmarkata Dokument B);*

*Peress illi r-rikorrenti jħossu aggravat bid-deċiżjoni tal-Awtorità appellata stante li kien issa u ċioe' wara li t-trasferiment tal-karozza ġie debitament notifikat lill-Awtorità intimata illi ġie nfurmat b'allegat vjolazzjoni illi f'kwalsiasi każ hija preskritta;*

*Għaldaqstant, filwaqt illi jagħmel referenza għall-atti kollha rilevanti u għas-sottomissjonijiet suesposti, b'riserva għal sottomissjonijiet ulterjuri, jitlob umilment lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jiddikjara illi d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Trasport mogħtija fit-30 ta' Ottubru tas-sena elfejn u erba u għoxrin (2024) hija nulla, invalida u mingħajr effett, u/jew iħassar u jirrevoka l-imsemmija Deċiżjoni.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` għat-Trasport f'Malta** ippreżentata fl-10 ta' Diċembru 2024 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

*1. Preliminarjament l-appellant kellu jippreżenta wkoll Lista ta' Xhieda (għalkemm mhux qed jiġi eċċepit illi tali nuqqas jikkommina n-nullita tal-appell interpost).*

*2. Sussidjarjament u fil-mertu, id-deċiżjoni appellata hija waħda korretta u skond il-liġi u l-appell interpost mill-appellant huwa kompletament infondat fil-fatt u fid-dritt u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.*

*3. Illi l-aggravji mressqa mill-appellant huma tnejn:*

*(i) preskrizzjoni;*

*(ii) illi l-vettura de quo agitur ġiet trasferita lil terzi fiż-żmien wara li seħħet l-infrazzjoni li tat lok għall-ħruġ tal-multa amministrattiva.*

*4. Illi fir-rigward tal-ewwel aggravju l-appellant ma jindikax a bażi ta' liema provvediment tal-liġi, skond hu, il-multa amministrattiva lilu maħruġa hija preskritta. Li hu ċar pero huwa illi l-multa amministrattiva mhijiex preskritta u li l-preskrizzjoni trimestrali li possibilment kienet dik li kellu f'moħħu l-appellant mhuwiex applikabbli għal multa amministrativa maħruġa skond Regolament 68 u r-Raba' Skeda għal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68.*

*5. Illi fir-rigward tat-tieni aggravju, il-fatt li iżjed tard u ċioe' f'data wara li seħħet l-infrazzjoni li tat lok għall-ħruġ ta' multa amministrattiva, il-vettura in kwistjoni ġiet mibjugħa u trasferita lil terza persuna huwa kompletament irrilevanti. Li huwa rilevanti, invece, huwa li fiz-zmien meta seħħet l-infrazzjoni li tat lok għall-ħruġ ta' multa amministrattiva, u cioe' fit-12 ta' Lulju, 2023, l-operatur tal-vettura in kwistjoni u cioe' l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JLY317, kien proprju l-appellant, u għalhekk huwa l-appellant li, skond regolament 17 u regolament 68 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68, huwa passibbli għall-multa amministrattiva illi nħarġet per konsegwenza tal-infrazzjoni, u cioe' tal-fatt illi l-vettura ma kinitx garaxxjata waqt li ma kinitx qed tintuża għall-provvediment ta' servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri.*

*6. Illi wkoll għandu jiġi sottolineat li l-appellant ma ressaq assolutament ebda aggravju dwar il-mertu u dan il-fatt ma jistax ħlief jitqies bħala nuqqas ta' kontestazzjoni tal-fatt u tal-infrazzjoni lilu addebitata.*

*7. Illi għaldaqstant l-appell interpost mill-appellant jimmerita li jiġi miċħud bl-ispejjeż.*

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni, l-Awtorita` intimata eċċepiet li r-rikorrent naqas li jippreżenta Lista ta' Xhieda. Illi fil-mori rriżulta illi r-rikorrent ma pproduċa ebda xhud u għalhekk fil-fehma tat-Tribunal, dan in-nuqqas ma ppreġudikax lill-Awtorita` intimata u għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi, mhux se jkun qed jieħu konjizzjoni tal-istess eċċezzjoni.

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi fit-12 ta' Lulju 2023, waqt li uffiċjali tal-Awtorita` intimata kienu għaddejjin bi spezzjonijiet, raw illi vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JLY 317 kienet ipparkjata ġewwa Triq Brittania, Raħal Ġdid. Peress li vetturi bil-Y plate ma setgħux jitħallew ipparkjati barra, l-istess uffiċjali għaddew biex ħarġu kontravvenzjoni u dan kif jirriżulta mit-*ticket* esebit a fol. 25 tal-proċess. Mill-istess *ticket* jirriżulta illi l-kontravvenzjoni inħarġet fin-12.30am.

Mid-dokumentazzjoni esebita mill-uffiċjal tal-Awtorita` intimata jirriżulta illi fil-ġurnata li nħarġet il-kontravvenzjoni, il-vettura in kwistjoni kienet reġistrata fuq ir-rikorrent u baqgħat hekk reġistrata sal-21 ta' Novembru 2023.[1]

Illi riżultat tal-ispezzjoni msemmija hawn fuq, l-Awtorita` intimata bagħtet ittra datata 30 ta' Ottubru 2024 lir-rikorrent fejn infurmatu bl-istess kontravvenzjoni u wkoll li kienet qed timponi fuqu multa amministrattiva ta' ħames mitt ewro (€500).

Illi minn qari tal-appell, it-Tribunal fehem illi l-aggravji mressqa mir-rikorrent huma dupliċi, u ċioe`:

1. Illi l-multa imposta hija preskritta;
2. Illi ġie mgħarraf bl-imposizzjoni tal-multa wara li kien ittrasferixxa l-vettura in kwistjoni.

[1] Ara Vehicle History Details a fol. 28 u 29

Illi fir-rigward tal-ewwel aggravju, u ċioe` li l-multa hija preskritta, it-Tribunal josserva illi r-rikorrent ma ċċita ebda artikolu fil-liġi li abbażi tiegħu qed isostni tali preskrizzjoni.

Illi fuq din il-materja it-Tribunal jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Gauci vs Saviour*** **Farrugia** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) datata 22 ta' Ġunju 2005, fejn intqal is-segwenti:

*Irid jinghad ukoll illi l-proposizzjoni generika ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti nteressata ma tawtorizzax lill-gudikant biex jindividwa hu t-tip tal-preskrizzjoni li tghodd ghall-kaz. Dan ghaliex huwa l-parti li ghandu l-oneru jaghzel liema wahda mill-varji ipotesijiet prezunti mil-ligi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni specifika l-eccezzjoni nnifisha ma tistax hlief tigi dikjarata inammissibbli. A propozitu anke f'dan il-kuntest gie deciz illi "l-eccepita preskrizzjoni bjennali mhix indikata b' mod sufficjentement car u specifiku in kwantu l-Artikolu 2254 (illum 2149) f'ben hames incizi distinti jiprospetta l preskrizzjoni ta' azzjonijiet ghal kollox differenti wahda mill-ohra" – "***Joseph Grech -vs- Emanuele Camilleri et***", Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977;*

*Minn dan kollu jitnissel illi fl-assenza ta' indikazzjoni cara u specifika tal-preskrizzjoni, il-gudikant ma jistax jiehu inizzjattiva biex jissupplixxi hu ghan-nuqqas tal-parti. In bazi ghall-konsiderazzjonijiet suddetti r-ragjonament tat-Tribunal ma jistax jitqies censurabbli. Konsegwentement, l-aggravju sollevat qed jigi michud;*

Illi t-Tribunal jaqbel perfettament ma' dan l-insenjament u qiegħed jadottah fil-każ preżenti u għalhekk fin-nuqqas totali ta' ndikazzjoni għal-liema preksrizzjoni r-rikorrent kien qed jalludi, l-istess aggravju se jiġi miċħud.

Illi l-aggravju rimanenti huwa bbażat fuq il-fatt li wara li ġiet mogħtija l-kontravvenzjoni, ir-rikorrent ittrasferixxa l-vettura in kwistjoni lil terzi. Illi t-Tribunal ma jqisx illi dan l-aggravju jista' b'xi mod jinċidi fuq il-validita` tad-deċiżjoni appellata. Illi filwaqt li huwa awspikabbli li awtorita` pubblika ma tħallix daqshekk żmien sabiex hija tieħu azzjoni fuq infrazzjonijiet li tkun irriskontrat, il-fatt li r-rikorrent ittrasferixxa l-vettura in kwistjoni sakemm huwa ġie notifikat bid-deċiżjoni appellata, ma jimpinġix fuq il-validita` tad-deċiżjoni appellata. Illi t-Tribunal jirrileva wkoll illi filwaqt li huwa minnu li l-Awtorita` intimata ħadet ċertu żmien biex ikkomunikat id-deċiżjoni tal-imposizzjoni tal-penali, min-naħa l-oħra, kif stqarr l-uffiċjal tal-Awtorita` Ranier Lia, fil-mument li nħarġet il-

kontravvenzjoni, tħalla *ticket* mal-*windscreen* tal-vettura in kwistjoni, u kwindi, *a tempo vergine,* tħalliet notifika tal-istess kontravvenzjoni.

Illi għaldaqstant, it-Tribunal ma jsib xejn x'jiċċensura mid-deċiżjoni appellata.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrent u jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**